Kunsill Lokali
Għajnsielem

**MINUTI – LAQGĦAT TAL-KUNSILL**
**IT-TMIEN KUNSILL**
**SEDUTA NRU. 10– It-Tlieta 12 ta' Frar 2020**

Il-Kunsill iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu fiċ-Ċentru Ċiviku fil-4:15pm.

| | | |
|---|---|---|
| **Preżenti** | Kevin Cauchi | Sindku |
| | Franco Ciangura | Viċi Sindku |
| | Larry Buttiġieġ | Kunsillier |
| | Stephen Mercieca | Kunsillier |
| | Teddy Saliba | Kunsillier |
| | Lucienne Haber | Segretarju Eżekuttiv |
| **Skużata** | Loredana Agius | Ambaxxattriċi |

10.1 Il-laqgħa nbdiet b'talba u ġiet preseduta mis-Sindku Kevin Cauchi.

**10.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti**

10.2.1 Inqraw il-minuti u ġew ikkonfermati.

**10.3 Qari ta' l-ittri ta' apologija**

10.3.1 Ma kienx hemm ittri ta' apoloġija.

**10.4 Kommunikazzjoni mis-Sindku**

10.4.1 Is-Sindku rrefera għall-attivita' tal-Get Together ta' Bethlehem f'Għajnsielem bħala waħda tajba ħafna u li għaliha kien hemm attendenza numeruza. Huwa rrrefera għal fatt li jinħtieġ li bħala Kunsill li jamministra il-flus ta' Bethlehem

f'Għajnsielem jieħdu deċizzjoni kemm ser jgħaddu ħlas lil GOZO CADETS u Għaqda Drammatika Għajnsielem. Huwa semma' wkoll li l-aktar Għaqda li l-jistħoqilha tieħu xi ħaġa tal-flus hija l-Għaqda Drammatika għaliex waħda mill-aktar Għaqda li taħdem għal dan il-proġett. Il-Gozo Cadeets qagħdu mal-bibien u ġabru d-donazzjonijiet huma għal dawn l-aħħar tlett snin u għadhom qatt ma ħadu xejn. Sar qbil li ljingħataw €1500 kull wieħed mid-donazzjoni miġbura mill-istess attivita.

10.4.2 Is-Sindku Kevin Cauchi rrefera għal-proposta li ġiet tdiskussa fl-aħħar laqgħa sabiex tiġi restawrata t-Trunċiera tal-Blata l-Bajda fil-limiti ta' Għajnsielem. Huwa rrefera għal fatt li hemm il-possibilita li Wirt Għawdex ser jieħdu ħsieb ir-restawr tagħha. Il-Kunsill qabel ma' din l-inizjattiva u ser jagħti l-għajnuna fejn possibli.

10.4.3 Is-Sindku rrefera għal-laqgħa li kellu ma' Mary Portelli tal-Mosaic sabiex flimkien ma' Team Mosaic inkomplu fix-xogħolijiet minn naħa tagħha. Waqt il-laqgħa magħha ġie diskuss id-disinn ta' madwar is-Siġra taż-Zewwieqa u li ser naraw li ma jkunx ta' periklu u ostaklu għas-sewwiqa. Ġie diskuss il-proġett ta' arma tal-lokal bil-mosaic sabiex teħel mal-faċċata tal-kunsill. Iddiskutew ukoll il-mosaic tal-proġett ta' Triq Borg Għarib fejn skond id-disinn tal-perit, ser isir xi mosaic astratt mal-art.

10.4.4 Is-Sindku rrefera għat-talba li ressaqna lill-Ministeru għal Għawdex sabiex issir fażi oħra tat-triq minn Triq il-Fugasse, Xatt l-Aħmar minn tmiem in-niżla sal-ewwel kamra li hemm. Huwa rrefera għal-proposta mressqa min-nies li jużaw il-bajja sabiex fis-sajf it-triq issir One Way il-fuq minn Triq ta' Sant Eliju u l-isfel minn Triq il-Fugasse. Il-kunsillier Larry Buttigieg irrimarka li l-ewwel parti tat-Triq Fugasse, fuq nett kif jintemm il-belvedere ukoll tinsab fi stat diżastruż u għandha bżonn titranġa. Sar qbil li għandha tintbgħat reminder rigward dawn it-talbiet.

10.4.5 Is-Sindu rrefera wkoll għall-ħtieġa sabiex nibgħatu lid-Direttur Vicky Xuereb sabiex jissewwa d-decking tax-Xatt l-Aħmar fl-area tad-divers peress li dak kien proġett li sar mid-Direttorat tal-EcoGozo.

10.4.6 Is-Sindku rrefera għall-bozza ġdida li twaħħlet ma' fiċ-ċentru mal-ħanut tal-laħam u li se tkompli idawwal l-inħawi madwar il-Pjazza.

10.4.7 Is-Sindku rrefera għal-Laqgħat li kellu mal-Periti Shawn Micallef u mal-Perit Edward Xerri. Il-laqgħa mal-Perit Shawn Micallef kienet rigward il-proġett ta' Triq Borg Għarib u traffic plan għall-parking aħjar fi Pjazza 10 ta' Diċembru. Il-laqgħa mal-Perit Edward Xerri saret rigward il-proġett tal-Arkata u iċ-Ċentru tal-Kommunita. Huwa qal li l-Perit Xerri diġa għandu huwa survey dettaljat tal-inħawi sabiex nipproċedu dwaru.

10.4.8 Is-Sindku rrefera għal fatt li beda x-xogħol ta' resurfacing ta' Triq Sant' Antnin mill -Ministeru għal Għawdex. Huwa rrefera għal dan il-proġett bħala wieħed pożittiv ħafna. Huwa spjega kif il-ħsieb hu li sal-festa ta' Sant'Antnin ser tingħata l-ewwel kisja. Hu nforma lill-kunsilliera bis-sejba ta' xelter f'din it-triq u li ser tinħoloq entratura għalih. Huwa spjega li Triq Sant'Antnin ser jieqaf temporanjament ix-xogħol fuqha u ser tinfetaħ għat-traffiku sakemm isir xi xogħol fi Triq iż-Zewwieqa minn naħa tal-Qala. Huwa għamel referenza wkoll għax-xogħolijiet ta' Triq Hamri u li għada ma' nbdietx minħabba nuqqas ta' qbil bejn il-kuntrattur u l-Enemalta.

10.4.9 Is-Sindku rrefera għal-laqgħa li kellu ma' Josef Scicluna tar-Redcoats li huma strumentali f'dan l-isports alternattiv sabiex ngħinunhom kemm nistgħu speċjalment fl-istadju tat-tfassil tal-pjanti għaċ-Ċentru tal-Komunita sabiex huma wkoll ikollhom l-ispazju tagħhom f'dan il-post.

10.4.10 Is-Sindku għamel referenza wkoll għal-laqgħa tajba li kellu mal-Professur Joseph Caruana rigward il-*light pollution* u fejn minn stħarriġ li għamel irriżulta li, Għajnsielem huwa it-tieni l-aktar lokalita' *polluted* u li dan qed jiġi kkaġunat mill-parti l-kbira tiegħu mill-globi li hawn. Is-Sindku saħaq li huwa fid-dmir tagħna bħala Kunsill li nassiguraw li kull meta nagħmlu xi dawl ġdid ikun zero polluted u nagħmlu pressjoni u awareness biex jitnaqqas kemm jista jkun.

10.4.11 Is-Sindku rrefera għall-iskart li qed jitħalla ħdejn il-WE Trolley u l-bins tal-ħwejjeġ u tal-ħġieġ. Huwa propona li sabiex l-area tinżamm kemm jista jkun nadifa, għandhom isiru partitions b'recycled wood minn ħaddiem tagħna. Il-Kunsill qabel ma' dan.

10.4.12 Is-Sindku Kevin Cauchi propona li għandha ssir cctv fuq il-monument u l-proġett tat-taraġ sabiex nassiguraw li il-monument ma jġarrabx ħsara. Huwa semma' li s-sid tar-restaurant tal-Każin tal-Banda offrilna li jqabbadha mas-sistema tiegħu. Il-Kunsil qabel li għandu jipproċedi fuq din il-proposta.

10.4.13 Is-Sindku rrefera għal filmat li deher fuq TVM News rigward il-monument tal-Bronz f'Għajnsielem fejn matulu ġew intervistati l-artist Manuel Farrugia u l-Viċi Sindku Franco Ciangura. Is-Sindku wera id-diżappunt tiegħu li fl-ebda ħin ma kien infurmat b'din l-intervista u kien japprezza li bħala Kunsill konna nkunu nfurmati speċjalment wara li iffinanzja dan il-proġett. Is-Sindku saħaq li meta jkun hemm xi ħaġa li fija jissemma' Kunsill, speċjalment fuq proġett kapitaliu, l-Kunsill ikun avżat. Il-Viċi Sindku Franco Ciangura semma' li huwa ġie kkuntatjat mill-kumpanija CVC rigward intervista u ma kienx jaf li l-Kunsill mhux infurmat.

10.4.14 Is-Sindku rrefera għall-applikazzjoni tal-Lifelong Learning. Hu semma' li fil-preżent qed inżommu l-kors tal-patchwork iżda jekk nixtiequ li nżommu xi kors ieħor għandna napplikaw għalih.

10.4.15 Is-Sindku rrefera għal fatt li ħafna talbuna sabiex inżommu Food handling course. Huwa semma li wara stħarrig li għamilna dan jista jkun possibbli li jinżamm fl-uffiċju tal-Kunsill f'Lulju li ġej. Il-Kunsill qabel ma' dan.

10.4.16 Ġiet trattata t-talba sabiex jiġi organizzat kors tal-Yoga fiċ-Ċentrru Parrokjali. Sar qbil li għandna niċċekjaw mal-Arcipriet jekk tahiex il-permess u filkaż nipproċedu billi ninserixxu logo fil-poster li qed isir bil-kollaborazzjoni tal-Kunsill.

10.4.17 Għal-laqgħa kien preżenti wkoll is-Sur Christian Lowey id-Direttur tal-film 'Lazarus' li ser jinħadem f'Ta' Passi. Il-filming ser isir nhar il-Ħadd 8 ta' Marzu minflok fl-1 ta' Marzu u għalhekk jinħtieġ li ninfurmaw lill-atturi kollha.

10.4.18 Waqt il-laqgħa tal-Kunsill ġew rappreżentant mill-Għaqda tan-Nar, tal-Armar u Għaqda żgħażagħa Sinfonia del Sol fejn avviċinaw lill-Kunsill bi proposta li l-Kunsill jorganizza xi tip ta' avveniment kbir fis-sajf fejn matulu bħala għaqdiet ikunu jistgħu jiftħu l-bars biex jagħmlu xi tip ta' fundraising għall-avvenimenti tagħhom. Ġie diskuss il-fatt li l-attivita' tista tiġi organizzata f'Ta Passi u tinġab band popolari maltija. Issemma' l-grupp Tribali u sar qbil li ż-żgħażagħ għandhom jistħarrġu aktar dwar l-ispejjes involuti u jerġgħu jiġu bi proposta konkreta quddiem il-Kunsill.

## 10.5 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri

10.5.1 Il-kunsillier Larry Buttigieg issuġerixxa li għandha ssir laqgħa mal-MTA rigward il-ħtiġijiet tal-bajja tax-Xatt l-Aħmar.

10.5.2 Il-Viċi Sindku Franco Ciangura staqsa dwar jekk għandniex informazzjoni dwar f'liema stadju jinsab il-Cost Benefit Analysis programme ta' Betlehem f'Għajnsielem li kien qed isir mill-Ministeru għal Għawdex. Is-Sindku wieġbu li ma ergajna smajna xejn dwaru u ser jiċċekja mal-Ministeru.

10.5.3 Il-Viċi Sindku Franco Ciangura propona wkoll sabiex issir app għal min jixtieq jixxerja ritratti li jieħu mal-monument tal-Bank tal-Pjażżza.

10.5.4 Il-Viċi Sindku talab ukoll sabiex isir manutenzjoni lit-turf tal-pjazza u fakkar sabiex issir manutenzjoni lil-Frame. Is-Sindku wieġeb li diġa kkuntajta lil Rudolph Cauchi sabiex jagħmel ix-xogħol neċessarju.

10.5.5 Il-Kunsillier Stephen Mercieca ta randikont ta' x'qed isir rigward irrangar tal-funtana tal-Pjazza tad-Dehra u rrefera għal ħafna żbalji li saru f'dan il-proġett. Il-Viċi Sindku Franco Ciangura talab sabiex kulhadd jerfa r-responsabilita tal-iżbalji tiegħu.

10.5.6 Il-kunsillier Stephen Mercieca talab sabiex nibgħatu nawguraw lill-Ministru l-ġdid t'Għawdex u nitolbu laqgħa miegħu.

10.5.7 Il-kunsillier Larry Buttigieg talab sabiex isir ftit patching quddiem il-gabbana ta' ħdejn il-heliport.

10.5.8 Il-kunsillier Teddy Saliba fakkar lill-kunsill sabiex isir *culvert* żgħir tal-ilma quddiem l-Arka. Is-Segretarja rrimarkat li din it-talba għaddejniha lis-CMU tal-Ministeru għal Għawdex.

10.5.9 Il-kunsillier Teddy Saliba fakkar sabiex nitolbu biex tiġi nstallata charging station għall-korozzi electric fi Triq Hamri.

10.5.10 Il-kunsillier Teddy Saliba rraporta li d-dawl t'isfel tal-Belvedere ta' Hamri għadu jinsab mitfi.

## 10.6 Korrispondenza u Rapport

10.6.1 Ġiet trattata l-proposta ta' kolloborazzjoni fl-organizazzjoni ta' kors tal-yoga li ser isir fiċ-Ċentru Parrokkjali. Sar qbil li għandna nikkuntatjaw lill-Arċipriet u naraw jekk isibx oġġezzjoni.

## 10.7 Attivitajiet: Karnival / Weekend Karozzi u roti / Ħarġiet

10.7.1 Is-Sindku rrefera għall-attivitajiet li l-Kunsill għandu ppjanati għal-ġimgħat li ġejjin. Għall-attivita' tal-Karnival kollox jinsab lest u ser jinżamm is-Sibt 22 ta' Frar mis-13:30 'l quddiem.

10.7.2 Attivita oħra li l-Kunsill intalab jikkollabora fiha hija St. Patricks. Is-Sindku rrefera għal-laqgħa li kellu mal-komunita' Irlandiza tal-lokal fejn talbuna nagħmlu attivita' kollaborattiva. Il-Kunsill qabel li għandna nkomplu diskussjonijet fil-qrib magħhom biex eventwalment inkomplu ninserixxu f'din l-attivita'.

10.7.3 Is-Sindku rrefera wkoll għall-attivita' li offriet li ttellgħa f'Għajnsielem il-Malta Mountain Bike Association dik ta' tlielaq kompetittivi bil-mountain bikes bl-isem ta' URBAN DH. Huwa rrefera wkoll għall-attivita' oħra ta' wirja ta' karozzi antiki li ser tinżamm il-Hadd 22 ta' Marzu u b'hekk ikollna weekend ieħor ta' attivitajiet.

10.7.4 Bħala ħargiet sar qbil li għandna norganizzaw ħarġa għall-anzjani fl-okkażjoni ta' Jum San Valentinu u ser isir il-weekend break għal Malta bejn is-6 u t-8 ta' Marzu.

## 10.8 Approvazzjoni tal-kont ta' Triq il-Briegħen u Triq ix-Xatt l-Aħmar

10.8.1 Is-Segretarju Eżekuttiv irreferiet għal kont li prepara l-perit u għan-nuqqas ta' qbil dwaru mal-kuntrattur peress li saru spejjes li ma konniex konxji tagħhom. Sar qbil li għandna nimxu maċ-ċertifikazzjoni tal-Perit tal-kunsill Edward Scerri.

### 10.9 Ħruġ ta' kuntratti

10.9.1 Is-Segretarja rreferiet għal fatt li l-Kuntratt tal-ġbir tal-iskart u tal-Bulky Refuse skadew u għalhekk jinħtieġ li nerġgħu nippublikawhom mill-ġdid bl-istess kundizzjonijiet.

### 10.10 Belvedere St Eliju

10.10.1 Is-Sindku rrefera għall-Belvedere ta' Sant'Eliju u l-ħtieġa ta' upgrading tiegħu. Huwa propona li għandna nagħtuh tema' u semma l-Astrologija bil-Kwiekeb u stillel. Huwa propona li għandna nixtru telescope u jsiru xi events minn dan il-post biex toħloq ċertu awareness kontra it-tniġġis tad-dawl. Huwa propona li ma jsirux bozoz iżda xi tip ta' mosaic li jirrifletti u jsiru disinni astronomiċi. Il-Kunsill qabel ma' dan.

### 10.11 Ħruġ ta' tender tal-irrigazzjoni

10.11.1 Is-Segretarju Eżekuttiv għamlet referenza għal fatt li jinħtieġ li nippublikaw l-offerta tal-irrigazzjoni. Is-Sindku spjega kif ser ninkludu l-area tas-siġar li ħawwilna Ta' Passi fl-offerta.

### 10.12 Librerija

10.12.1 Is-Sindku Kevin Cauchi rrimarka li wara li ħriġna d-disinn u urejnih lil kap tal-iskola hija għoġobha ħafna l-kunċett iżda ssuġġeriet li jsir fl-istore peress li l-kamra hija kwadra tiġi aħjar u jista jinfetaħ aċċess għall-iskola. Id-designer Paul Stellini kien preżenti ghal-laqgħa biex jispjega d-disinn. Is-Sindku spjega kif il-Kunsill qiegħed kullma jmur jinvesti aktar fil-librerija u jinsab iddiżapputuntat li mill-istatistika ta' kotba mislufin f'Għajnsielem huwa wieħed mill-anqas irħula li jisselfu kotba. Huwa nsista li l-Kunsill irid jaħdem bis-sħiħ biex itella' din il-figura anke billi jekk inhu meħtieġa nżidu fil-ħinijiet tal-ftuħ tal-librerija.

10.12.2 Il-Kunsill qabel mal-kunċett u sar qbil ukoll li nippruvaw inkabbru biċċa kamra fuq il-berġa.

### 10.13 Pjazza tolfa

10.13.1 Is-Sindku Kevin Cauchi semma' li d-disinn tal-proġett ta' Pjazza Tolfa huwa lest u għandu diversi emendi fuq suġġerimenti tar-residenti li jgħixu fl-inħawi. Għal-laqgha kien preżenti wkoll id-designer Paul Stellini fejn spjega l-emendi li saru lid-disinn ta' Pjazza Tolfa inkluż tisqifa tal-injam. Il-Vici Sindku Franco Ciangura spjega kif Tolfa hemm ġebla maqtugħa biex li hija idejali biex

6

tinġieb Għawdex. Huwa spjega wkoll kif bħala railing jista isir minn zkuk minn Tolfa u magħmul minn xi ħadd minnhom biex tkun tipikament tal-post. Il-Kunsill qabel mal-pjanta emendata.

### 10.14 Trakka proviżorja tar-roti

10.14.1 Is-Sindku rrefera wkoll għall-Event tat-trakka tar-roti li kienet inżammet fl-EMW Week u li kienet intlaqgħet tajjeb ħafna u li minn dakinhar l'hawn, wara din l-attivita', numru ta' tfal ħolqu trakka temporanja f'Ta Passi u qed jinġabru numru sabih u jagħmlu użu minnha. Għalhekk huwa qed jissuġġerixxi li bħala Kunsill nistgħu noħolqu trakka aktar addattata fl-għalqa li hija devoluta lill-Kunsill li tinsab eżatt wara l-Każin tal-banda . Kullma jinħtieġ isir li hemm toqba ġo fiha u timtela u tinħasad iż-żergha u hemm karozza abbandunata u titneħħa. Il-Kunsill qabel ma' dan il-prġett ta' trakka tar-roti f'dan is-sit. Is-Sur Paul Zerafa kien mistieden għal laqgħa sabiex flimkien niddiskutu l-proġett tat-trakka tar-roti u l-attivita' peress li huwa kien strumentali fit-tnejn li huma. Huwa spjega li qed jikkoordina din l-attivita' mal-Malta Mountain Bike Association u ser tkun tikkonsisti f'Urban ride li jista wkoll jintuża t-tarag taz-zuntier. Ser jintuzaw pallets biex jaqbżu minn fuqhom u jinħtieġ li napplikaw biex tingħalaq it-triq mil-Pjazza tad-Dehra sal-Kunsill biex nassiguraw is-safety tal-parteċipanti. Rigward il-proġett tal-trakka temporanja ta' ġol-għalqa, is-Sur Zerafa spjega li nkunu ninħtieġu l-materjal ta' torba u ħamrija, bobcat, bowser ilma u romblu u l-kumplament ser jieħu ħsieb jikkoordina hu l-kostruzzjoni tat-trakka biex tkun skond l-istandards rikjesti.

### 10.15 Approvazzjoni Financial Statements.

Ġew spjegati l-Financial Statement mis-Segretarju Ezekuttiv u nnotat li s-sena finanzjarja spiċċat b'bilanċ pożittiv ta' €5000.

### 10.16 Approvazzjoni tal-Pagamenti

Ġiet preżentata l-iskeda tal-pagamenti għall-approvazzjoni. Il-pagamenti ġew approvati.

### 10.17 Tmiem il-laqgħa u data tas-seduta li jmiss

10.17.1 Il-laqgha ntemmet fis-7:30 ta' filghaxija u giet aggornata għal nhar it-Tlieta 11 ta' Marzu 2020 fl-4:15pm.

**Kevin Cauchi**
**Sindku**

**Lucienne Haber**
**Segretarju Ezekuttiv**